



# Għeluq il-100 sena mit-twelid tas-Surmast Joseph M. Barbara

Is-Surmast Joseph M. Barbara twieled nhar it-13 t'April 1916, f' Marsaxlokk. Meta kellu sentejn, il-familja tiegħu marru joqogħdu ż-Żejtun, fejn Joseph dam jgħix tul ħajtu kollha. Kien l-Assistent Surmast Ġużeppi Spiteri li ħajjar lis-Surmast Barbara jibda l-karriera mużikali tiegħu fi ħdan il-Banda Beland. Beda l-istudju tiegħu bil-kwartin għand l-istess Surmast Spiteri u ħareġ idoqq mal-Banda Beland bil-kwartin u wara ftit taż-żmien laħaq ukoll solista fil-banda. Huwa kellu wkoll lil ħuh Ċensu jdoqq fil-banda bil-kwartin.

Dak iż-żmien, il-Banda Beland kienet diretta mis-Surmast Carmelo Scicluna li minn għandu, is-Surmast Barbara, ħa ukoll xi tagħlim. Iżda l-imħabba tiegħu lejn il-mużika u l-karriera mużikali ma waqfitx hawn. Fil-fatt huwa kompla l-istudju tiegħu fit-teorija, l-armonija u l-kuntrapunt għand il-magħruf Surmast Vincenzo Costa. Malli temm l-istudju tiegħu, Mro. Barbara għamel l-eżamijiet sal-Advanced Grade tar-Royal Academy of Music fejn kiseb id-Diploma tal-Associate Musician tal-London College of Music. Hawnhekk, il-karriera mużikali tiegħu infetħet beraħ u fl-1945 narawh jidderieġi l-ewwel banda tiegħu dik ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Sentejn wara, fl-1947 insibuh jieħu ħsieb 'il-Banda King George V tal-Imqabba. Il-popolarita' ta' Mro. Barbara tant kibret illi fis-snin ta' wara nsibuh jidderieġi diversi baned oħra Maltin li kienu jinkludu; il-Banda Trinita' Qaddisa tal-Marsa, il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq kif ukoll lill-Banda Żejtun. Huwa dderieġa wkoll lill-Banda Nazzjonali. Fl-1945 meta ltaqgħet l-Assemblea Konstitwenti bi preparazzjoni għas-Self government, is-Surmast Barbara flimkien ma' Dr. Lorenzo Schiavone kienu iż-żewġ rapprezentanti tas-soċjetà.

*Iżda l-imħabba tiegħu lejn il-mużika u l-karriera mużikali ma waqfitx hawn...*

Minbarra l-impenji tiegħu ta' Surmast Direttur, Mro. Barbara ħarreġ ħafna bandisti li llum igawdu reputazzjoni kbira fil-qasam bandistiku. Huwa għallem ukoll it-teorija mużikali lil bosta individwi li nteressaw ruħhom u kisbu suċċess fl-eżamijiet tar-Royal College of Music.

Mro. Barbara huwa l-kompożitur prolifiku ta' bosta marċi brijjużi kif ukoll funebri. Dawk il-bosta dilettanti tal-marċi Maltin jistgħu jixhdu illi l-marċi ta' Mro. Barbara jintgħarfu mill-ewwel battuti. Il-ħlewwa tal-melodija mexxejja u li tpaxxi lill-widna jagħmlu mill-marċi tiegħu marċi tipikament Maltin u popolari mal-partitarji. L-istess jgħidu l-bandisti meta jdoqqu l-marċi ta' Mro. Barbara. Fost il-marċi popolari tiegħu li jindaqqu spiss fil-festi tagħna nsibu marċi bħal Vanessa, Daniela, In Parish Square u Blue Standard, filwaqt li fost il-marċi funebri nsibu marċi bħal In Gethsemani.

*Mro. Barbara huwa l-kompożitur prolifiku ta' bosta marċi brijjużi kif ukoll funebri...*

Mro. Barbara kkompona wkoll mużika bandistika bħal Innijiet, Overtures u Fantasiji Mużikali. Ħafna kritiċi huma tal-fehma illi l-aqwa biċċa xogħol li ħarġet mill-pinna tiegħu tibqa' l-Innu lis-Santissima fuq versi tal-poeta Dun Frans Camilleri. Fost xogħlijiet oħra li għadhom jiġu esegwiti nsibu l-Overture 'El Dorado'. Mro. Joseph M.Barbara miet nhar id- 9 ta' Gunju 2004.



Nifirħu lil **Joseph Abela,** li din is-sena taħbat l-10 sena tiegħu fit-tmexxija tal-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira tal-Għaqda Mużikali Beland. Il-ħidma mprezzabbli ta' Joseph tul is-snin kienet strumentali biex kompla jgħola l-livell tal-produzzjonijiet li jittellgħu mis-soċjetà tagħna fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Joseph ilu membru attiv fil-Kumitat Direttiv għal bosta snin u bħalissa qed jokkupa wkoll il-kariga ta' Assistent Direttur. Proset u grazzi ta' tant snin ta' ħidma b'risq il-każin.




Caruana Aluminium

CA

**Michael Caruana** *Managing Director*

St. Joseph Garage, Triq President Anton Buttigieg, Zejtun ZTN 03

Tel: **2166 4967** • Mob: **9949 9139** E-mail: caruana.aluminium@ melita.com